MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2006

Numru 1132/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR PAUL BOND**

**VS**

**ANTHONY CARUANA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Anthony Caruana, bin il-mejjet Nazzareno u l-mejta Maria nee' Zammit, imwieled Hal-Qormi nhar id-19 ta' Ottubru, 1956, residenti fil-fond 51B, Manikata Road, Manikata, u li ghandu n-numru tal-karta tal-identita' 713256 (M);

Akkuzat talli nhar it-13 ta' Dicembru, 2003, u matul ix-xhur precedenti, fil-Mosta u fi bnadijiet ohra f'dawn il-Gzejjer, ikkommetta serq ta' karozza li ggib in-numru tar-registrazzjoni LAU 065, tal-ghamla *Hyundai Accent* ta'

kulur abjad, li l-valur taghha jaccedi l-elf lira maltin (Lm1,000.00), liema serq hu aggravat fil-mezz, bil-valur, u xorta ohra tal-haga misruqa, u dan ghad-dannu ta' Charlon Taliana;

Aktar talli matul l-istess zmien f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqa' ghandu l-imsemmija karozza li kienet gejja minn serq, mehuda b'qerq, jew akkwistata b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibiegha jew imexxieha u dan ghad-dannu tal-istess Charlon Taliana.

Barra min dan talli akkuzat ukoll talli matul l-istess zmien f'dawn il-Gzejjer, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq l-istess karozza, liema hsara taccedi l-hames mitt lira maltin (Lm500.00), u dan ghad-dannu tal-imsemmi Charlon Taliana.

Wara li rat l-Artikoli ………
Wara li rat id-dokumenti esebiti;
Wara li semghet ix-xhieda prodotta.

Ikkunsidrat:

Fuq nuqqas ta' provi ma ssibx lill-imsemmi mputat Anthony Caruana hati tal-akkuzi kif dedotti kontrieh u ghaldaqstant tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------